MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Numru 1096/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Vincent Grixti, iben Paul,
imwieled Pieta' fid-9 ta'
jannar, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' settembru, 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda f'diversi postijiet, xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanżija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' 438 compact discs konsistenti f'DVDs u CDs;

2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, fil-fond 'Paroviane', Triq il-Bufula l-ħamra, Mosta għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex titqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil-Liġi ta' Malta jew taħtha;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew għat-tqassim, jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'oħra għamel, jew daħħal f'Malta, jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esport xi stampat, tpinġija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbaħ lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-moħbi.
Il-Qorti hi mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skond il-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.  Rat
l-artikoli 208(1), 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500).  Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------